**Domanda preliminari**

Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim konkluż bejn il-Portugall u Spanja dwar ħelsien minn taxxa doppja, it-tnaqqis mit-taxxa mħallsa minn ras il-għajn fuq id-dħul għas-sena 2003, kif ġiet intaxxata kumpannija mhux residenti fit-territorju nazzjonali, ta' 15 %, fuq dividendi likwidi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha, fil-kapaċità tagħha ta' azzjonista ta' kumpannija residenti fi Stat Membru, skont l-Artikoli 80(2)(c), u 88(3)(b), (4) u (5) taċ-CIRC (Código do Imposto sobre o Rendimento das Pessoas Singulares) u l-Artikolu 59 tal-EBF (Estatuto dos Benefícios Fiscais), fil-verżjoni tagħhom applikabbli dak iż-żmien, jikser il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, ta' libertà ta' stabbiliment u tal-moviment liberu tal-kapital, stabbiliti fl-Artikoli 12, 43, 46, 56 u 58(3) tat-Trattat KE, kif ukoll l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 90/435/KEE ([1])?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 147)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven Administrativen Sad (il-Bulgarija) fis-26 ta' April 2010 — Direktor na Direktsia "Obzhalvane i upravlenie na izpalnenieto" Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite vs "Auto Nikolovi" OOD**

**(Kawża C-203/10)**

(2010/C 195/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Varhovniat Administrativen Sad (il-Bulgarija)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Direktor na Direktsia "Obzhalvane i upravlenie na izpalnenieto" Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite (id-Direttur tad-Direttorat "Appelli u ġestjoni tal-eżekuzzjoni" ta' Varna, fi ħdan l-amministrazzjoni ċentrali tal-Aġenzija Ċentrali tad-Dħul)

*Konvenuta:* "Auto Nikolovi" OOD.

**Domandi preliminari**

(1) Il-kunċett ta' "oġġetti użati" li jinsab fil-punt 1 tal-Artikolu 311(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), ikopri wkoll oġġetti mobbli użati li ma jkunux suffiċjentement individwalizzati (permezz tat-trade mark, tal-mudell, tan-numru tas-serje, tas-sena ta' fabbrikazzjoni, eċċ) sabiex jiddistingwu ruħhom minn oġġetti oħra tal-istess tip iżda li jkunu, għall-kuntrarju, iddeterminati mill-karatteristiċi ġeneriċi tagħhom?

(2) L-espressjoni "kif definit mill-Istati Membri", li tinsab fil-punt 1 tal-Artikolu 311(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jiddefinixxu huma stess il-kunċett ta' "oġġetti użati" jew inkella d-definizzjoni ta' dan il-kunċett mogħtija mid-Direttiva għandha tiġi trasposta b'mod strett fil-liġi nazzjonali?

(3) Il-kundizzjoni stabbilita f'dispożizzjoni nazzjonali, li tipprovdi li l-oġġetti użati huma identifikati individwalment, hija konformi mal-formulazzjoni u mal-għan tad-definizzjoni li d-dritt Komunitarju jagħti lil "oġġetti użati"?

(4) Fid-dawl tal-premessa 51 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, jista' jiġi kkunsidrat li l-espressjoni "fejn dik il-merkanzija kienet ipprovduta lilu fil-Komunità", li tinsab fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 314 tad-Direttiva 2006/112/KE, tkopri wkoll l-importazzjoni ta' oġġetti użati magħmula min-negozjant taxxabbli stess?

(5) Fl-eventwalità li s-sistema ta' impożizzjoni tal-marġni ta' profitt miksub tapplika wkoll għall-kunsinna ta' oġġetti użati minn negozjant taxxabbli li jkun importahom huwa stess: il-persuna li mingħandha n-negozjant taxxabbli jkun kiseb dawn l-oġġetti għandha tkun tappartjeni lil waħda mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 314(a), (b), (ċ) u (d)?

(6) Il-lista ta' oġġetti fl-Artikolu 320(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE hija eżawrjenti?

(7) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 320(1) u l-Artikolu 320(2) tad-Direttiva 2006/112/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li d-dritt tan-negozjant taxxabbli għall-kreditu fiskali tal-VAT li jkun ħallas fuq l-importazzjoni ta' oġġetti użati jinħoloq u huwa eżerċitat fil-perijodu li matulu dawn l-oġġetti jkunu s-suġġett ta' kunsinna sussegwentement taxxabbli, li fir-rigward tagħha n-negozjant taxxabbli applika s-sistema ta' tassazzjoni normali?

(8) L-Artikolu 314(a) sa (d), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 320(1) u l-Artikolu 320(2) tad-Direttiva 2006/112/KE għandhom effett dirett u l-qorti nazzjonali tista' tinvokahom direttament, f'każ bħal dak ineżami?

(1) ĠU L 347, p. 1.

## Appell ippreżentat fit-30 ta' April 2010 minn Heinz Helmuth Eriksen mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) mogħtija fl-24 ta' Marzu 2010 fil-Kawża T-516/08: Heinz Helmuth Eriksen vs Il-Kummissjoni Ewropeja

**(Kawża C-205/10 P)**

(2010/C 195/10)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellant:* Heinz Helmuth Eriksen (rappreżentant: I. Anderson, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropeja

### Talbiet tal-appellant

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— Tannulla, fl-intier tagħha, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2010 li ċaħdet ir-rikors tal-appellant bħala manifestament inammissibbli bl-ispejjeż.

— Tieħu konjizzjoni tal-appell tal-appellanti u tordna lill-Kummissjoni tħallas lill-appellant:

(a) is-somma ta' EUR 800 000 jew somma oħra li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tqis ġusta u ekwa għad-dannu morali u t-tnaqqis tat-tgawdija tal-ħajja minnu sostnuti fil-passat, fil-preżent u fil-futur, minħabba dannu serju għal saħħtu kkawżat mir-rifjut kapriċċuż u illegali tal-Kummissjoni li tinforza l-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/29 (1) għall-monitoraġġ mediku kawtelatorju kontra mard marbut mar-radjazzjoni fil-każ tal-gruppi ta' ħaddiema speċjali għall-intervent ta' Thule.

(b) pagament lill-appellant jew lill-faċilitajiet tat-trattament mediku tiegħu jew lil min jieħu ħsiebu, tal-ispejjeż futuri ta' trattamenti mediċi u mediċini għat-tnaqqis jew it-trattament tad-dannu għal saħħtu, imsemmi fil-paragrafu a) iktar 'il fuq, li ma humiex disponibbli għalih permezz tas-sistema medika ta' sigurtà soċjali tal-Istat Membru tiegħu.

(c) spejjeż legali raġonevoli sostnuti mill-appellant quddiem il-Qorti Ġenerali u f'din l-istanza.

### Aggravji u argumenti prinċipali

(1) Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ċaħdet bħala inammissibbli l-każ tal-appellanti bbażat fuq ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali, billi wettqet distorsjoni kemm tan-natura tat-talbiet tiegħu kif ukoll tal-motivi tiegħu. Bħala riżultat ta' tali distorsjoni, il-Qorti Ġenerali naqset milli tidentifika illegalità fil-kuntest tar-raġunijiet kapriċċużi u inveritjeri tal-Kummissjoni għan-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tagħha — liema nuqqas ta' azzjoni kiser l-istandards uniformi tas-saħħa u s-sigurtà għall-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-pubbliku f'każijiet ta' aċċidenti radjoloġiċi kkawżati minn użu militari ta' enerġija nukleari.

(2) Nuqqas ta' appikazzjoni tal-prinċipji legali komuni tal-Istati Membri.

Il-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa l-illegalità tan-nuqqas ta' kura, ta' diliġenza u ta' amministrazzjoni tajba tal-Kummissjoni b'riferiment għal prinċipji legali komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà amministrattiva għad-danni kkawżati lill-individwi, kif meħtieġ mill-Artikolu 188 tat-Trattat KEEA.

(3) Applikazzjoni żbaljata tal-poteri ta' eżenzjoni uniċi tal-Kummissjoni taħt il-liġi tal-kompetizzjoni għall-ammissibbiltà tal-ilment tal-istandards tas-saħħa.

Il-Qorti Ġenerali żbaljat ulterjorment meta kkunsidrat l-eżenzjoni militari tal-Kummissjoni tal-aċċident radjoloġiku f'Thule mill-protezzjonijiet tas-saħħa tad-Direttiva, fid-dawl tad-diskrezzjoni wiesgħa u unika tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea permezz ta' eżenzjonijiet diskrezzjonali ta' ftehim kummerċjali illegali. Dan il-fatt injora deċiżjonijiet minn din il-qorti dwar l-ammissibbiltà f'oqsma oħra tal-Unjoni Ewropea fejn il-Kummissjoni ma għandhiex tali diskrezzjoni unika u fejn allegazzjonijiet tan-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Kummissjoni ma wasslux għad-dikjarazzjoni ta' talba bħala manifestament inammissibbli.

Il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li l-Kummissjoni ma għandhiex diskrezzjoni unika u assoluta sabiex timplementa l-istandards uniformi tas-saħħa u s-sigurtà peress li t-Trattat KEEA jiddefinixxi b'mod limitat il-poter ta' eżenzjoni tagħha u jipprovdi b'mod speċifiku mekkaniżmi għall-individwi sabiex jilmentaw fir-rigward tan-nuqqasijiet amministrattivi tagħha li taġixxi f'oqsma fejn ġew stabbiliti protezzjonijiet favur tagħhom. Dan jinkludi sitwazzjonijiet fejn ir-rifjut milli tittieħed azzjoni ġie indirizzat lil parti oħra.

(4) Nuqqas li tikkunsidra jekk ir-rifjut tal-Kummissjoni milli taġixxi kisirx l-għan stabbilit mit-Trattat KEEA tal-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku.